

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Fejn u kif>**Spejjeż**

Spejjeż

Portugall

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-proċedimenti legali fil-Portugall.

Għal analiżi aktar fid-dettall tal-ispejjeż legali, ara dawn l-istudji tal-każ li ġejjin:

Il-Liġi tal-familja – id-divorzju

Il-Liġi tal-familja – il-kustodja tat-tfal

Il-Liġi tal-Familja - il-manteniment

Il-Liġi kummerċjali – il-kuntratti

Il-Liġi kummerċjali – ir-responsabbiltà

Qafas regolatorju li jirregola t-tariffi tal-professjonijiet ġuridiċi

1. Prokuraturi legali (*Solicitadores*)

Fil-Portugall, it-tariffi tas-*solicitadores* meta jaġixxu bħala uffiċjali ġudizzjarji huma regolati mill-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali (*Portaria*) Nru 282/2013 tad-29 ta' Awwissu 2013, kif emendata (l-Artikoli 43 sa 51).

2. Konsulenti legali (*Consultores jurídicos*)

It-tariffi tal-konsulenti legali ma humiex regolati fil-Portugall.

3. Avukati (*Advogados*)

It-tariffi tal-avukati ma humiex regolati fil-Portugall.

4. Uffiċjali tal-qorti (*Oficiais de justiça*)

L-ispejjeż tal-intervent mill-uffiċjali tal-qorti fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni huma regolati mill-Artikolu 9 u mit-Tabella II tar-Regolament dwar l-Ispejjeż tal-Proċedimenti Legali (*Regulamento das Custas Processuais*), adottat bid-Digriet Liġi (*Decreto-Lei*)Nru 34/2008 tas-26 ta' Frar 2008, kif emendat, u mill-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 282/2013 tad-29 ta' Awwissu 2013, kif emendata (l-Artikoli 43 sa 51, applikabbli skont l-Artikolu 59(1)).

5. Avukati li jaħdmu fil-qasam tal-protezzjoni legali

It-tariffi li jitħallsu lill-avukati għas-servizzi pprovduti fil-qasam tal-protezzjoni legali huma regolati mill-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 1386/2004 tal-10 ta' Novembru 2004, mid-Digriet ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 161/2020 tat-30 ta' Ġunju 2020, u mill-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 10/2008 tat-3 ta' Jannar 2008, kif emendata.

Spejjeż fissi

Spejjeż fissi fi proċedimenti ċivili

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti ċivili

L-ispejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti ċivili huma stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 7 u t-Tabelli I u II fl-Anness tar-Regolament dwar l-Ispejjeż tal-Proċedimenti Legali, adottati mid-Digriet-Liġi Nru 34/2008 tas-26 ta' Frar 2008, kif emendat.

Stadju fil-proċedimenti ċivili li fih l-ispejjeż fissi jridu jitħallsu

It-tariffi tal-qorti ġeneralment jitħallsu fil-bidu tal-proċedimenti u fil-ħin meta tiġi ffixxata d-data għas-seduta tal-qorti. L-esperti u l-uffiċjali tal-qorti ġeneralment jitħallsu immedjatament qabel ma jieħdu sehem fil-proċedimenti.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kriminali

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kriminali

L-ispejjeż fissi li jitħallsu mill-partijiet fi proċedimenti kriminali huma stabbiliti fl-Artikoli 8 u t-Tabella III fl-anness tar-Regolament dwar l-Ispejjeż tal-Proċedimenti Legali adottat mid-Digriet-Liġi Nru 34/2008 tas-26 ta' Frar 2008, kif emendat.

Stadju fil-proċedimenti kriminali li fih l-ispejjeż fissi jridu jitħallsu

L-istadju fil-proċedimenti kriminali fejn l-ispejjeż fissi jridu jitħallsu jiddependi fuq ir-rwol tal-persuna kkonċernata fil-proċedimenti u fuq l-azzjoni li jkun beħsiebha tassumi. Hemm biss żewġ każijiet li fihom it-tariffa tal-qorti tiġi titħallas fl-istess ħin li titressaq l-azzjoni li magħha hija relatata: meta l-persuna kkonċernata tingħaqad fi proċedimenti bħala parti ċivili, u meta tinfetaħ inkjeżta fuq talba ta' parti ċivili. Fil-każijiet l-oħra kollha, jiġifieri fil-każijiet kollha li jinvolvu lill-impurtati u fil-każijiet l-oħra li jinvolvu lill-parti ċivili, it-tariffa tal-qorti tiġi titħallas fi tmiem l-istadju tal-proċedimenti legali li jkunu għaddejjin (inkjeżta, sentenza jew appell), skont id-deċiżjoni tal-imħallef.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kostituzzjonali

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kostituzzjonali

L-ispejjeż fissi li jitħallsu mill-partijiet fi proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali huma regolati mill-Artikoli 6 sa 9 tad-Digriet-Liġi Nru 303/98 tas-7 ta' Ottubru 1998, kif emendat u mill-Artikolu 84 tal-Liġi Nru 28/82 tal-15 ta' Novembru 1982, kif emendata.

Stadju fil-proċedimenti kostituzzjonali li fih l-ispejjeż fissi jridu jitħallsu

Il-ħlas tal-ispejjeż fissi huwa meħtieġ biss fi tmiem il-proċedimenti.

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn qabel mir-rappreżentanti legali

Drittijiet u obbligi tal-partijiet

Ir-rappreżentanti legali huma etikament u legalment obbligati li jipprovdu l-informazzjoni kollha dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet, sa fejn dawn ikollhom għarfien raġonevoli tal-possibiltajiet ta' suċċess u tal-ispejjeż involuti.

Sorsi tal-ispejjeż

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fil-Portugall?

Aktar informazzjoni dwar is-sistema tal-ispejjeż legali fil-Portugall hija disponibbli fuq <https://justica.gov.pt/Servicos/Custas-processuais>.

B'lema lingwi nista' nikseb informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fil-Portugall?

L-informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż hija disponibbli biss bil-Portugiż.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medjazzjoni?

Informazzjoni dwar il-medjazzjoni, b'mod partikolari dwar is-sistemi pubbliċi għall-medjazzjoni fl-oqsma ċivili, tal-familja, dwar il-liġi tax-xogħol u kriminali, tinsab fuq <https://dgpj.justica.gov.pt/English/Alternative-Dispute-Resolution>.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju li jieħdu l-proċedimenti differenti?

Informazzjoni dwar it-tul medju ta' żmien li jieħdu l-proċedimenti legali tinsab fuq <https://estatisticas.justica.gov.pt/sites/siej/en-us/pages/default.aspx>.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar l-ispiża medja ta' tip partikolari ta' proċedimenti?

Din l-informazzjoni mhix disponibbli. L-uniku mod kif tiksibha huwa billi tikkonsulta d-diversi skali ta' nlasijiet jew tabelli tal-ispejjeż.

Madankollu, simulatur li jindika t-tariffi tal-qorti li jitħallsu meta jinbdew l-proċedimenti legali huwa disponibbli fuq

<https://justica.gov.pt/Servicos/Simulador-Taxas-de-Justica>. Dan jagħti idea tal-ispejjeż involuti.

Taxxa fuq il-valur miżjud: kif tingħata din l-informazzjoni?

L-ispejjeż ġudizzjarji mhumiex suġġetti għall-VAT. It-tariffi tal-professionisti legali huma suġġetti għall-VAT, imma l-informazzjoni dwar l-ispejjeż pprovduta mill-ġiġu ma tinkludix il-VAT.

Liema huma r-rati li japplikaw?

Ma hemmx informazzjoni disponibbli dwar ir-rati tal-VAT applikabbli.

Għajnuna Legali

Limitu ta' introjtu għall-konvenuti f'kawżi ċivili

Il-formula għall-kalkolu tal-limitu tal-introjtu għall-għajnuna legali fil-proċedimenti ċivili tinsab fl-anness tal-Liġi Nru 34/2004 tad-29 ta' Lulju 2004, kif emendata.

Limitu ta' introjtu għall-imputati f'kawżi kriminali

Il-formula għall-kalkolu tal-limitu tal-introjtu għall-għajnuna legali fil-proċedimenti kriminali tinsab fl-anness tal-Liġi Nru 34/2004 tad-29 ta' Lulju 2004, kif emendata.

Limitu ta' introjtu għall-vittmi f'kawżi kriminali

Ma hemm l-ebda limitu ta' introjtu għall-għajnuna legali lill-vittmi f'kawżi kriminali.

Kundizzjonijiet oħra għall-għoti ta' għajnuna legali lill-vittmi

Hemm kundizzjonijiet oħrajn biex tingħata għajnuna legali lill-vittmi. Meta l-istatus ta' vittma ta' vjolenza domestika skont it-tifsira tal-Artikolu 152 tal-Kodiċi Kriminali jiġi assenjat skont il-Liġi Nru 112/2009 tas-16 ta' Settembru 2009, fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova kontrarja, huwa preżunt li l-vittma ma għandhiex biżżejjed riżorsi finanzjarji.

Kundizzjonijiet oħra għall-għoti ta' għajnuna legali lill-imputati/konvenuti

Hemm kundizzjonijiet oħra sabiex tingħata l-għajnuna legali lill-imputati/konvenuti. Dawn huma marbuta mas-sitwazzjoni finanzjarja tal-imputati/konvenuti u jiġu kkalkulati abbażi ta' mudell imfassal skont l-Artikolu 39 tal-Liġi Nru 34/2004 tad-29 ta' Lulju 2004, kif emendata.

Proċedimenti tal-qorti mingħajr spejjeż

Il-proċedimenti tal-qorti jistgħu jkunu mingħajr nlas għal parti waħda jew għat-tnejn li huma fuq il-bażi ta' eżenzjoni mill-ispejjeż legali jew l-għoti tal-għajnuna legali.

L-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Ispejjeż tal-Proċedimenti Legali jipprevedi serje ta' sitwazzjonijiet li fihom tapplika l-eżenzjoni mill-ispejjeż. L-eżenzjonijiet jaqgħu f'żewġ kategoriji:

eżenzjonijiet suġġettivi jew personali skont l-Artikolu 4(1) li huma bbażati fuq karatteristika partikolari tal-partijiet jew tal-persuni suġġetti għall-proċedimenti; u **eżenzjonijiet oġġettivi jew proċedurali** li jaqgħu taħt l-Artikolu 4(2), li huma relatati mat-tip ta' proċedimenti.

Madankollu, xi eżenzjonijiet jiddependu fuq il-kontenut tad-deċiżjoni finali li tikkonkludi l-proċedimenti, kif stabbilit fl-Artikolu 4(3), (4), (5), (6) u (7).

Konsegwentement, tali eżenzjonijiet jista' ma jkollhom l-ebda effett fuq l-ispejjeż, jew jistgħu jaffettwaw biss il-nlasijiet iġġenerati matul il-proċedimenti legali.

Informazzjoni aktar dettaljata dwar l-għajnuna legali tinsab fuq <https://justica.gov.pt/Guias/como-pedir-apoio-judiciario>.

Il-parti telliefa meta għandha tħallas l-ispejjeż tal-parti rebbieħa?

Il-parti rebbieħa ġeneralment hija intitolata li tirċievi kumpens mill-parti telliefa għall-ispejjeż imġarrba, fi proporzjon iddeterminat mill-qorti, skont id-deċiżjoni finali. Id-dritt tal-parti rebbieħa li tirċievi kumpens għall-ispejjeż imġarrba jiġi annullat jekk il-parti telliefa tirċievi għajnuna legali u għalhekk tkun eżentata mir-rekwiżit li tħallas kwalunkwe tariffa legali.

Drittijiet tal-esperti

Bħala regola ġenerali, il-partijiet fil-kawża jħallsu t-tariffa tal-esperti. Madankollu, jekk il-partijiet ikunu ngħataw l-għajnuna legali, it-tariffi tal-esperti jitħallsu mill-Istitut għall-Ġestjoni Finanzjarja u l-Infrastrutturi tas-Sistema Ġudizzjarja (*Instituto de Gestão Financeira e Equipamentos da Justiça*).

Tariffi tat-tradutturi u tal-interpreti

Bħala regola ġenerali, il-partijiet fil-kawża jħallsu t-tariffi tat-tradutturi u tal-interpreti. Madankollu, jekk il-partijiet ikunu ngħataw l-għajnuna legali, it-tariffi tat-tradutturi u tal-interpreti jitħallsu mill-Istitut għall-Ġestjoni Finanzjarja u l-Infrastrutturi tas-Sistema Ġudizzjarja (*Instituto de Gestão Financeira e Equipamentos da Justiça*).

Dokumenti importanti

Ir-Rapport tal-Portugall fuq l-Istudju dwar it-Trasparenza tal-Ispejjeż  (781 Kb) 

L-aħħar aġġornament: 29/01/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 1 – liġi tal-familja – divorzju - Il-Portugall

F'dan l-istudju ta' każ dwar il-liġi tal-familja – id-divorzju, l-Istati Membri ġew mitluba javżaw lill-parti li trid tidda proċedimenti ta' divorzju bl-ispejjeż tal-litigazzjoni għal dawn is-sitwazzjonijiet:

Każ A - Sitwazzjoni nazzjonali: koppja tiżżewwieg. Wara jisseparatoraw u jaqblu fuq divorzju.

Każ B – Sitwazzjoni tranżazzjonali: Żewġ ċittadini mill-istess Stat Membru (Stat Membru A) jiżżewwġu. Iż-żwieġ jiġi oċebrat fi Stat Membru A. Wara ż-żwieġ, il-koppja tmur tgħix u taħdem fi Stat Membru ieħor (Stat Membru B) fejn jistabbilixxu r-residenza tagħhom. Ftit wara l-koppja tissepaw u l-mara tirritorna lura lejha l-Istat Membru A filwaqt li r-raġel jibqa' fl-Istat Membru B. Il-koppja taqbel fuq divorzju. Mar-ritorn tagħha lura fl-Istat Membru A, il-mara immedjatament tidda proċedimenti ta' divorzju quddiem il-qorti tal-Istat Membru B.

Spejjeż fil-Portugall

Spejjeż tal-qorti, appelli u riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim

Studju ta' każ	Qorti			Appelli			ADR	Spejjeż
	Drittijiet inizjali	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra	Drittijiet inizjali	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra		
Każ A	EUR 306			EUR 306			Huwa possibbli f'dawn il-każijiet?	EUR

							Iva. Il-medjazzjoni tista' ssir sabiex jintlaħaq wieħed mid-diversi forum ta' ftehim sabiex id-divorzu jiġi pproċessat mill-uffiċju tar-reġistru ċivili (ara n-nota)
--	--	--	--	--	--	--	--

Nota: Jekk il-koppja taqbel fuq divorzu bonarju, il-każ jittessaq il-qorti biss jekk ma jkunx hemm qbil fuq waħda minn dawn il-kwistjonijiet: id-diviżjoni tal-assi, l-eżerċizzju tas-setgħa tal-ġenituri, il-manteniment jew il-futur tad-dar tal-familja.

Jekk il-koppja taqbel fuq dawn il-kwistjonijiet, il-proċedimenti ta' divorzu jsiru quddiem l-Uffiċju tar-Reġistru Ċivili (*conservatória do registo civil*) soġġetti għal ħlas ta' dritt wieħed ta' EUR 280.

L-aħħar aġġornament: 29/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 2 – liġi tal-familja – kustodja tat-tfal - Il-Portugall

F'dan l-istudju ta' każ dwar il-liġi tal-familja – il-kura u kustodja tat-tfal, l-Istati Membru ġew mitluba javżaw lir-rikorrent dwar l-ispejjeż tal-litigazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: Tnejn min-nies jgħixu flimkien għal numru ta' snin mingħajr ma jiżżewġu. Meta jiddeċiedu li jisseparaw ikollhom tifel/tifla ta' tliet snin. Il-qorti tiddeċiedi illi tagħti l-kura u kustodja tat-tifel/tifla lill-omm u dritt ta' aċċess lill-missier. L-omm tiftaħ kawża biex tillimita d-dritt ta' aċċess tal-missier.

Każ B – Sitwazzjoni transnazzjonali meta int avukat fl-Istat Membru A: Tnejn min-nies jgħixu flimkien għal numru ta' snin fi Stat Membru (Stat Membru B) mingħajr ma jiżżewġu. Ikollhom tarbija iżda jisseparaw minnufih wara t-twelid tagħha. Il-qorti fl-Istat Membru B tagħti l-kura u kustodja tat-tarbija lill-omm u dritt ta' aċċess lill-missier. L-omm u t-tarbija jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor (Stat Membru A) kif ġew awtorizzati jagħmlu mid-deċiżjoni tal-Qorti u l-missier jibqa' fl-Istat Membru B. Xi snin wara, l-omm tiftaħ kawża fl-Istat Membru A biex tiddel id-dritt ta' aċċess tal-missier.

Spejjeż fil-Portugall - Spejjeż tal-avukat, il-bailiff u l-espert

Studju ta' każ	Avukat		Bailiff			Espert	
	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż medji	L-użu tal-bailiff huwa mandatorju?	Spejjeż ta' qabel is-sentenza	Spejjeż ta' qabel is-sentenza	L-użu huwa mandatorju?	Spejjeż
Każ A	Iva		Il-bailiffs jintervjenu f'dawn il-proċedimenti taħt l-istess kundizzjonijiet ta' proċedimenti oħra.				
Każ B	Iva		Il-bailiffs jintervjenu f'dawn il-proċedimenti taħt l-istess kundizzjonijiet ta' proċedimenti oħra.				

L-aħħar aġġornament: 29/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 3 – liġi tal-familja – manteniment - Il-Portugall

F'dan l-istudju ta' każ fuq il-liġi tal-familja – il-manteniment, l-Istati Membri ġew mitluba javżaw bl-ispejjeż tal-litigazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: Tnejn min-nies jgħixu flimkien għal numru ta' snin mingħajr ma jiżżewġu. Meta jisseparaw ikollhom tifel/tifla ta' tliet snin. Il-qorti tiddeċiedi li tagħti l-kura u kustodja lill-omm. L-uniku punt li jibqa' huwa l-ammont ta' manteniment li jrid jingħata lill-omm mill-missier għall-edukazzjoni u l-għajxien tat-tifel/tifla. L-omm tiftaħ kawża l-qorti fuq din il-kwistjoni.

Każ B – Sitwazzjoni transnazzjonali fejn inti avukat fl-Istat Membru A: Żewġ persuni jgħixu flimkien għal numru ta' snin mingħajr ma jiżżewġu fi Stat Membru (l-Istat Membru B). Il-koppja jkollha tifel/tifla ta' tliet snin. Huma jisseparaw. Il-qorti fl-Istat Membru B tiddeċiedi li tagħti l-kura u kustodja lill-omm. Bi ftehim mal-missier, l-omm u t-tifel/tifla jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor (l-Istat Membru A) fejn jistabbilixxu r-residenza tagħhom.

Tibqa' pendenti kwistjoni waħda. Din tikkonċerna l-ammont ta' manteniment dovut lill-omm mill-missier għall-edukazzjoni u l-għajxien tat-tifel/tifla. L-omm tiftaħ kawża l-qorti fuq din il-kwistjoni fl-Istat Membru A.

Spejjeż fil-Portugall

Kumpens għax-xhieda, garanziji u drittijiet applikabbli oħra

Studju ta' każ	Kumpens għax-xhieda		Garanziji		Drittijiet oħra	
	Ix-xhieda jirċievu kumpens?	Spiża	Din il-possibiltà teżisti? Meta u kif tiġi implimentata?	Spiża	Deskrizzjoni	Spiża
Każ A	Iva – Tabella IV mehmuża mar-Regolament dwar l-Ispejjeż tal-Proċedimenti kif adottat mid-Digriet-Liġi Nru 34/2008, tas-26 ta' Frar	EUR 0.2 kull kilometru				
Każ B	Iva – Tabella IV mehmuża mar-Regolament dwar l-	EUR 0.2 kull kilometru				

Ispejjeż tal-Proċedimenti kif adottat mid-Digriet-Liġi Nru 34/2008, tas-26 ta' Frar

L-aħħar aġġornament: 29/01/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 4 – liġi kummerċjali – kuntratt - Il-Portugall

F'dan l-istudju ta' każ dwar il-liġi kummerċjali - il-kuntratti, l-Istati Membri ġew mitluba jawnaw lill-bejjieġh dwar l-ispejjeż tal-litigazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: Kumpanija kkonsenjat oġġetti għal valur totali ta' EUR 20 000. Il-bejjieġh ma jirrevokax l-ispejjeż għaliex ix-xerrej huwa tal-fehma illi l-oġġetti mhumiex tal-kwalità patwita.

Il-bejjieġh jiddeċiedi li jiftaħ kawża l-qorti biex jottjeni l-ħlas tal-bejgħ.

Każ B – Sitwazzjoni transnazzjonali: Kumpanija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jinsab fl-Istat Membru B tikkonsenja oġġetti għal valur totali ta' EUR 20 000 lill-xerrej fi Stat Membru A. Il-kuntratt huwa soġġett għal-liġi tal-Istat Membru B u miktub bil-lingwa tiegħu wkoll. Il-bejjieġh għadu ma tħallasx għaliex ix-xerrej fl-Istat Membru A huwa tal-fehma illi l-oġġetti mhumiex tal-kwalità patwita. Il-bejjieġh jiddeċiedi li jiftaħ kawża fl-Istat Membru A għall-ħlas tal-bejgħ speċifikat fil-kuntratt max-xerrej.

Spejjeż fil-Portugall

Spejjeż tal-għajjnuna legali u ammonti oħra soġġetti għal rifużjoni

Studju ta' każ	Għajjnuna legali			Rifużjoni			
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet hija applikabbli?	F'liema każijiet tingħata l-għajjnuna legali sħiħa?	Kundizzjonijiet?	Tista' l-parti rebbieħa tikseb ir-rifużjoni tal-ispejjeż tal-kawża?	Jekk ir-rifużjoni mhix totali x'perċentwali tkun tingħata lura b'mod ġenerali?	Liema spejjeż qatt ma jiġu rifużi?	Hemm xi drabi fuq għajjnuna legali j tiġi rifuża lill-organizzazzjoni tagħti għajjnuna
Każ A	L-entitajiet ġuridiċi bi skop ta' qligħ m'għandhomx dritt għall-għajjnuna legali.			Iva	L-ispejjeż tal-proċedimenti ma jiġux totalment rifużi jekk il-parti rebbieħa tirċievi l-għajjnuna legali, għalhekk il-parti rebbieħa tiġi rifuża mill-Istat għad-drittijiet tal-qorti biss (imma mhux għal ammonti oħra inklużi fl-ispejjeż)		Ir-rifużjoni lill-Istat isseħħ biss meta benefiċjarju tal-għajjnuna legali jkun akkwista mill-finanzjarji xierqa il-proċedimenti j erba' snin ta' wa jinstab li fetaħ il-b'mala fede
Każ B	L-entitajiet ġuridiċi bi skop ta' qligħ m'għandhomx dritt għall-għajjnuna legali.			Iva	L-ispejjeż tal-proċedimenti ma jiġux totalment rifużi jekk il-parti rebbieħa tirċievi l-għajjnuna legali, għalhekk il-parti rebbieħa tiġi rifuża mill-Istat għad-drittijiet tal-qorti biss (imma mhux għal ammonti oħra inklużi fl-ispejjeż)		Ir-rifużjoni lill-Istat isseħħ biss meta benefiċjarju tal-għajjnuna legali jkun akkwista mill-finanzjarji xierqa il-proċedimenti j erba' snin ta' wa jinstab li fetaħ il-b'mala fede

L-aħħar aġġornament: 29/01/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 5 – liġi kummerċjali – responsabbiltà - Il-Portugall

F'dan l-istudju ta' każ dwar il-liġi kummerċjali - ir-responsabbiltà, l-Istati Membri ġew mitluba jagħtu parir lill-konsumatur dwar l-ispejjeż tal-litigazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

Każ A - Każ nazzjonali Fabbrikant tat-tagħmir tat-tiħin jikkonsenja ħiter lil installatur. L-installatur ibiġh (u jinstalla) l-ħiter lil klijent li jrid jarma d-dar tiegħu. Ftit wara, d-dar tiegħu n-nar. Dawk kollha involuti (il-fabbrikant tat-tagħmir tat-tiħin, l-installatur, il-klijent aħħari) huma assigurati. Is-sors tan-nar jiġi kkontestat. Ħadd ma jrid jagħti kumpens lill-klijent.

Il-klijent jiddeċiedi li jiftaħ kawża kontra l-fabbrikant tat-tagħmir tat-tiħin, l-installatur tat-tagħmir u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni għal kumpens sħiħ.

Każ B - Każ transnazzjonali: Fabbrikant ta' tagħmir tat-tiħin fi Stat Membru B jikkonsenja ħiter lil installatur fi Stat Membru C. L-installatur ibiġh (u jinstalla) il-ħiter għand klijent fi Stat Membru A li jrid jarma d-dar tiegħu. Ftit wara, id-dar tiegħu n-nar. Dawk kollha involuti (il-fabbrikant tat-tagħmir tat-tiħin, l-installatur, il-klijent) huma assigurati fl-Istat Membru tagħhom. Is-sors tan-nar jiġi kkontestat. Ħadd ma jrid jagħti kumpens lill-klijent.

Il-klijent jiddeċiedi li jiftaħ kawża kontra l-fabbrikant tat-tagħmir tat-tiħin, l-installatur tat-tagħmir u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni fl-Istat Membru A għal kumpens sħiħ.

Spejjeż fil-Portugall

L-ispejjeż tal-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

Sitwazzjoni fil-prattika	Traduzzjoni		Interpretazzjoni		Spejjeż oħra speċifiċi għal tilwi transfruntier?	
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet hija meħtieġa t-traduzzjoni?	Spiża approssimattiva?	Meta u taħt liema kundizzjonijiet hija meħtieġa l-interpretazzjoni?	Spiża approssimattiva?	Deskrizzjoni	Spiża approssimattiva?
Każ A	Għal deċiżjonijiet minn qradi mhux Portugiżi jew dokumenti mhux bil-Portugiż	EUR 0.027 kull kelma	Jekk il-persuna kkonċernata mhix Portugiża u ma titkellimx bil-Portugiż, irid jinħatar traduttur /interpretu.	Bejn EUR 102 u EUR 204	-	-
Każ B	Għal deċiżjonijiet minn qradi mhux Portugiżi jew dokumenti mhux bil-Portugiż	EUR 0.027 kull kelma	Jekk il-persuna kkonċernata mhix Portugiża u ma titkellimx bil-Portugiż, irid jinħatar traduttur /interpretu.	Bejn EUR 102 u EUR 204	-	-

L-aħħar aġġornament: 29/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. Il-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.